Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Noel Cutajar)

vs

Charles Borg

Illum 26 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra il-fuq imsemmi imputat Charles Borg, imwieled il-Pieta fl-10 ta' Frar, 1968 u detentur tal-karta tal-idenita Nru 97668M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

(1) talli fis-26 ta' Gunju 1998 f'xi hin bil-lejl minn gewwa t-Trade Fair Naxxar ikkommetta serqa ta' apparat tal-Hi Fi, Television u affarijiet ohra minn gewwa stand 30 Trade Fair li jinsab in-Naxxar limiti ghad-detriment ta' Delta Home

Centre, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

(2) talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' wara f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema valur jaccedi l-elf lira Maltin, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom liema oggett;

(3) talli fis-27 ta' Novembru, 1999 u fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema valur jaccedi l-elf lira Maltin, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett ghad-detriment ta' Centro Casalina li jinsab Sta Venera, Oxford House li jinsab fil-limiti tal-Imriehel, Project Links li jinsab gewwa Ta' Xbiex, Bonnici Stores gewwa Burmarrad, Northern TV and Hi Fi gewwa l-Imsida u minn gewwa Havana li jinsab gewwa Paceville;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;

u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-18 ta' April, 2002.

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti wara illi rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Dicembru tas-sena

2000 issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali netta, il-fatt illi irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu f'dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt illi kif iddikjara l-istess Ufficjal Prosekutur l-imputat fuq imsemmi ikkollabora bis-shih mal-pulizija matul l-investigazzjoni kollha.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi parti kbira mir-refurtiva giet rikuperata mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tara li f'dawn ic-cirkostanzi kollha ma jkunx opportun illi l-imputat fuq imsemmi jinghata piena ta' prigunerija u jkun ferm aktar ghaqli kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 qeghda taghmel ordni ta' probation minflok ma tikkundanna lill-imputat u permezz ta' dan l-ordni qeghda iggieghel lill-imputat fuq imsemmi joqghod taht is-sorverjanza tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car illi jekk jonqos li jhares dan l-ordni jew jaghmel xi reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentejn mil-lum ikun jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni ta' probation ghandha tinghata minnufih lill-imputat fuq imsemmi kif ukoll lill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur